# FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Rikors Revoka Nru: 177/2024**

**Fl-atti tal-Avviz numru 89/2024 JG u l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 973/2024 mahrug fis-7 ta' Mejju 2024 fl-ismijiet:**

**Vella Falzon Building Supplies Ltd**

**vs**

**Karl Abela**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Karl Abela (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala s-sekwestrat), imressaq fis-27 ta' Awwissu 2024[1], fejn għar-raġunijiet hemm imfissra u ai termini tal-artikoli 836 (1)(a) u (f) (b'rabta mal-artikolu 836(5)) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta talab li din il-Qorti tordna r-revoka u tħassir tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 973/2024.

[1] A fol 1 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta’ Awwissu 2024[2].

Rat ir-risposta ta’ Vella Falzon Building Supplies Ltd (minn hawn il-quddiem imsejjħa bħala s-soċjetà sekwestranti) mressqa fil-11 ta’ Settembru 2024[3] fejn din tat ir-raġunijiet tagħha l-għala ir-rikors għandu jiġi miċħud.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2024[4] fejn instemgħet it-trattazzjoni tar-rikors[5].

Rat l-atti kollha, inkluż dawk tal-mandat ta’ sekwestru mertu ta’ dawn il-proċeduri , ir-rikors revoka preċedenti bin-numru 857/2024, u kif ukoll il-kontro-mandat maħruġ fit-23 ta’ Mejju 2024 (li kopja tiegħu ngħabet illum).

**Ikkunsidrat**

Illi dan tal-lum huma digriet finali dwar talba tas-sekwestrat għat-tħassir ta’ mandat li nħareġ kontestwalment ma kawża fl-istess ismijiet, attwalment pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta. Il-fatti li taw lok għal dan ir-rikors huma s-segwenti.

Illi s-soċjetà sekwestranti kienet inizjalment talbet u ottjeniet il-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru, mressaq kontestwalment ma ittra uffiċjali magħmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, fejn saħqet li hija kreditriċi tas-sekwestrat fl-ammont ta’ tlettax-il elf, wieħed u tmenin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,081.29ċ). Dak il-mandat ġie revokat (jirriżulta, b’xi mod,

[2] A fol 19 tal-proċess.
[3] A fol 24 tal-proċess.
[4] Verbal relattiv a fol 30 tal-proċess.
[5] Debitament reġistrata u traskritta kif ordnat. Din tibda a fol 31 tal-proċess.

li dan ġie revokat darbtejn). Permezz ta’ digriet datat 23 ta’ Mejju 2024, ġiet milqugħa talba tas-sekwestrat għat-tneħħija ta’ dak il-mandat, għaliex s-soċjetà sekwestranti kienet naqset milli tħejji azzjoni fit-termini mogħti fil-liġi, wara li l-ittra uffiċjali kienet ġiet imwieġba. Dan kien il-kontro-mandat bin-numru 857/2024. Ġara li s-soċjetà sekwestranti stess kienet hi ukoll talbet il-ħruġ ta’ kontromandat fuq l-istess mandat. Dan ġie mressaq fis-7 ta’ Mejju 2024, kollazzjonat fit-22 ta’ Mejju 2024 u degretat fit-23 ta’ Mejju 2024. Ir-raġuni għat-talba kienet sabiex is-soċjetà sekwestranti tirregola ruħa.

Illi fis-7 ta’ Mejju 2024 (l-istess ġurnata li s-soċjetà sekwestranti ressqet il-kontro-mandat relattiv) hija talbet il-ħruġ ta’ dan il-mandat issa hawn eżaminat. Dan ġie akkordat fid-9 ta’ Mejju 2024. Fl-istess jum ġiet imressqa wkoll il-kawża bejn l-istess partijiet, attwalment pendenti quddiem din il-Qorti.

Illi issa, permezz tal-proċeduri odjerni, s-sekwestrat qiegħed jitlob it-tħassir ta’ dan l-aħħar mandat skond l-artikoli 836(1)(a) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, marbut strettament ma dak li jrid l-artikolu 836(5) tal-istess Kapitolu. Huwa jargumenta li s-soċjetà sekwestranti ma setgħetx terġa tressaq mandat kawtelatorju fuq l-istess kawżali, ġaladarba l-ewwel mandat tagħha kien tneħħa.

Illi magħmul dan ir-riassunt, imiss li jiġu trattati brevement l-aspetti legali ta’ din il-kwistjoni u l-applikazzjoni tagħhom għal-każ preżenti.

1) **<u>Prinċipji Ġenerali dwar l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.</u>**

Illi huwa ben risaput li l-eżami li għandu jsir fil-proċedura hawn utilizzata huwa wieħed stringenti u jitlob biss eżami *prima facie*[6]. M'huwa mħolli qatt lil xi awtorità ġudikanti li fi proċedura bħal din tidħol fil-mertu tal-kwistjoni għaliex jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tirfes b'mod mhux għaqli fuq il-kwistjoni vera li tkun għada qiegħda tiġi dibattuta[7].

2) **L-Artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta marbut ma dak li jrid l-artikolu 836(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

[6] Fost oħrajn, issir referenza għad-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Richard Ghirxi vs Perit Sean Buttigieg,** (Rik Nru: 178/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2022.

[7] Fost diversi, issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs Office Group Limited**, (Rik Nru: 1183/2014) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' April 2015 fejn intqal hekk: "*Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs Govè et" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li tridtagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dantenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il- proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu."* Similment kien ukoll ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et* vs Anthony Gové *et*,** (Rik Nru: 286/2001) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Mejju 2001 u ċioé li: "*Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess jinghad ukoll li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna lezitu finali tal-kawza proprija. Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bilprocedura premessa, ovvjament ghandha thalli filgudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)."*

Illi l-artikolu 836(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid u jrid hekk:

> *5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u* ***barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a)****ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu qalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta'qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.* ***(enfasi tal-Qorti).***

Illi huwa aċċettat li persuna li tkun ressqet mandat kawtelatorju li jkun tneħħa fuq wieħed mis-subartikoli **l-oħra għajr l-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma tistax terġa tipproponi dak il-mandat sakemm ma turix li jkunu nqalgħu xi ċirkostanzi ġodda wara t-tneħħija ta' dak l-ewwel mandat[8]. Madanakollu dan m'huwiex il-każ tal-lum. Huwa ċar li l-ewwel mandat tneħħa propju biss u b'mod esklussiv fuq il-fatt li dan ma kienx għadu fis-seħħ u għalhekk din ir-restrizzjoni m'hijiex applikabbli għal-fatti ta' dan il-każ[9]. L-

[8] Fost diversi, ssir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Philip Azzopardi vs Rosina Cassar *et,*** (Rik Nru: 1125/2016) mogħti mill-Prim awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' April 2017. Huwa wkoll t'interess dak li ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **L&M Camilleri Ltd vs Panor Ltd,** (Rik Nru 255/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Mejju 2021 (inċidentalment, din ġiet imsemmija mis-sekwestrat fir-rikors promotur, imma l-fatti kienu ben diversi).

[9] F'dan is-sens, dwar l-artikolu 836(5), issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **Dr. Patrick Valentino *noe* vs Anton Borg,** (Rik Nru: 163/2015) mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-5 ta' Novembru 2015 fejn ingħad propju hekk: *"Minn qari ta' dan is-sub-inciz appena citat huwa evidenti illi l-projbizzjoni li jinhareg mandat wara li jkun gie revokat mandat iehor fuq l-istess kawzali minghajr ma jkunu jirrizultaw cirkostanzi godda jirreferi*

ewwel mandat tneħħa (darbtejn) għar-raġuni msemmija fl-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk sa fejn l-argument huwa mibni fuq l-artikolu 836(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan huwa ħażin u għalhekk qiegħed jiġi riġettat.

Illi mbagħad, dwar l-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad li kull mandat kawtelatorju għandu l-ħajja limitata tiegħu. F'dan il-każ, dan l-aħħar mandat inħareġ kontestwalment mal-proċeduri fl-istess ismijiet bin-numru 89/2024 u għalhekk dan seħħ bi tħaris ta' dak li jridu l-artikoli 848 u 849 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawk il-proċeduri għadhom pendenti u għalhekk qajla jista' jingħad li l-mandat m'għadux fis-seħħ[10]. Dan propju

---

*ghal dawk il-kazijiet fejn il-mandat ikun gie revokat ghal xi wahda mir-ragunijiet kontemplati fis-sub incizi 1 (b) sa 1 (f) tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12. Dawn is-sub incizi jirrefu ghas segwenti cirkostanzi:-...............Peress li r-raguni ghalfejn il-mandat kawtelatorju numru 96/15 gie revokat ma taqax taht wahda mic-cirkostanzi kontemplati fis-sub incizi imsemmija, ma jezistiex l-impediment kontemplat fl-Artikolu 836 (5). Ghalhekk din il-kawzali qed tigi respinta."*

[10] Hekk per eżempju ma tistax issir talba sempliċiment sabiex iżżomm l-effetti ta' mandat t'inibizzjoni milqugħ b'mod infinit. F'dan ir-rigward issir referenza, fost oħrajn, għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Sammut *pro et noe* vs Maria Camilleri *et*,** (Rik Ġur Nru: 397/2008) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' April 2018 (mhux appellata). Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Perit Raymond Vassallo *et* vs Peter Borg Cardona,** (Ċit Nru: 624/1989/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' April 2004 fejn ingħad hekk: *"Illi din iċ-ċirkostanza tagħti lil din il-Qorti x'tifhem li għalkemm il-kawża nfetħet fiż-żmien li trid il-liġi wara li nħareġ il-Mandat, l-atturi xorta waħda jidher li naqsu li jwettqu dak li titlob il-liġi minn min ikun kiseb favurih il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Kif ingħad għadd ta' drabi, id-dritt tal-kawtela (dak proċedurali) m'huwiex id-dritt sostantiv li jista' jiġi mħares, għaliex dawn huma żewġ jeddijiet distinti li ma jistgħux jitqiesu bħala l-istess jedd. Il-jedd imsemmi fil-Mandat m'huwiex id-dritt li tagħmel mandat, imma huwa d-dritt li għalih il-kreditur eżekutant jagħmel użu mid-dritt li jinstilet mill-kawtela mogħtija bil-ħruġ tal-mandat".* Dan il-bran issellef minn sentenza oħra ta' spiss utilizzata f'digrieti bħal dawn u ċioé dik fl-ismijiet **Carmen Aquilina vs Francis X Aquilina,** (Ċit Nru: 661/66) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Novembru 1991 li kienet amplifikat l-argument hekk: *"Kull mandat kawtelatorju, minn natura tiegħu stess, għandu validita' u ħajja sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita' li jikkonkretizza l-kreditu tiegħu f'titolu esekuttiv – li (ukoll ismu miegħu) jippermettilu jesegwixxi l-kreditu li b'hekk ma jkollu bżonn aktar ta' kawtela. Għalhekk hija l-attriċi li għażlet li taqbad din it-triq u tagixxi fuq il-kreditu tagħha – l-ewwel billi tikkawtelah u mbagħad billi tirrealizzah. Il-liġi ma tikkontemplax il-possibbilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti".*

b'differenza għal dak li seħħ fl-ewwel mandat, meta, għad li dan kien inħareġ kontestwalment ma ittra uffiċjali magħmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif permess bl-artikolu 833A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[11], imbagħad ma ġiex segwit b'kawża (wara kontestazzjoni) fit-termini hemm imposti u għalhekk tneħħa propju fuq dan l-istess artikolu.

Illi għalhekk din ir-raġuni għat-tneħħija tal-mandat qiegħda tiġi mwarrba.

3) **L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi jingħad li din il-kawżali tidħol fix-xena jekk iċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għall-ħruġ tal-att kawtelatorju jkunu nbiddlu b'tali mod li ma jkunx aktar xieraq li dak il-mandat jibqa' jorbot l-eżekutat[12]. Dan il-bdil għandu jolqot iċ-ċirkostanzi tal-partijiet bejniethom u mhux lejn terzi[13].

Illi l-Qorti tistqarr li kemm mir-rikors promotur u kif ukoll mit-trattazzjoni finali, ma ngħatalha l-ebda prova li wara l-ħruġ tal-mandat kien hemm xi ċirkostanza li nbidlet. Huwa dejjem mistenni li min jinħareġ att kawtelatorju kontrih ibati xi

---

[11] Dwar dan, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal u ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Ernest Gauci vs Jeremy Fall,** (Rik Nru: 1324/2024/1) mogħti minn din il-Qorti nhar it-12 ta' Awwissu 2024.

[12] Kif tajjeb imfisser fid-digriet fil-proċeduri bl-ismijiet **Ivan John Debono vs Antoine Vella,** (Rik Nru: 698/2020) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Jannar 2021: "*Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ . Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ*".

[13] Fid-digriet fl-ismijiet **Angela Busuttil Naudi vs Stephen Busuttil Naudi**, (Rik Nru: 255/2006) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Awwissu 2009 intqal hekk: *"Illi madankollu, taħt din id-dispożizzjoni wkoll, jidher li l-bdil li għalih japplika dak is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet. Jekk isseħħ ċirkostanza bejn xi waħda mill-partijiet u terzi, l-effetti tal-Mandat m'għandhomx jolqtu lill-parti l-oħra, l-iżjed jekk din tkun il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħarsien ta' jedd pretiż"*. Hekk ukoll ġie mfakkar fid-digriet fl-ismijiet **Hector Cilia vs Rebekah Ann Cilia**, (Rik Nru: 142/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Marzu 2022.

forma ta' preġudizzju, iżda dan waħdu ma jfissirx li l-mandat ma setax jinħareġ jew li m'għandux jibqa' fis-seħħ[14].

Illi fil-verità, mill-atti jirriżulta li f'dan l-aħħar mandat l-uniku sekwestratarju indikat huwa r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, meta l-mandat ta' qabel imbagħad tneħħa bid-digrieti hawn fuq imsemmija. Għalhekk ukoll, lanqas jista' jingħad li s-sekwestrat qiegħed ibagħti xi forma ta' preġudizzju.

Illi għalhekk it-talba tas-sekwestrat anke hawnhekk ma tistax tintlaqa'.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiċħad l-istess.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu minn Karl Abela.

**Digriet kamerali mogħti llum il-Ħamis, 3 ta' Ottubru 2024.**

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[14] Fid-digriet fl-ismijiet **Bruno Romano vs Blaschem (Malta) Limited,** (Rik Nru: 1906/2001/1) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Lulju 2003 intqal hekk: *"Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati."*